*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,884, 9 ta' Marzu, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 83 tal-2012**

## ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP. 234)

### Regolamenti tal-2012 li Jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6(2) u 374 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, bi qbil mal-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin –

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li Jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ewwel Skeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju, 2011.

Jissostitwixxi t-tabella fil-paragrafu Ċ tal-Ewwel Skeda

**2.** Minflok it-tabella fil-paragrafu Ċ tal-Ewwel Skeda għandha tidħol din it-tabella li ġejja:

"

| Eta' tal-Bastiment | | Tnaqqis fuq id-Dritt mar-Reġistrazzjoni % | Tnaqqis jew Żieda fuq it-Taxxa ta' Kull Sena fuq it-Tunnellaġġ % | |
|---|---|---|---|---|
| Daqs jew iktar minn | Inqas minn | | | |
| Snin | | | | |
| 0 | 5 | 50 | – 30 | |
| 5 | 10 | 25 | – 15 | |
| 10 | 15 | – | – | |
| 15 | 20 | – | + 5 | |
| 20 | 25 | – | + 10 | Suġġett għal żieda minima ta' €1,500 |
| 25 | 30 | – | + 25 | |
| Daqs jew iktar minn 30 | | – | + 50 | |

".

**L.N. 83 of 2012**

## MERCHANT SHIPPING ACT
## (CAP. 234)

### Merchant Shipping Act (Amendment of First Schedule) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred by articles 6(2) and 374 of the Merchant Shipping Act, the Minister for Infrastructure, Transport and Communications, with the concurrence of the Minister of Finance, the Economy and Investment has made the following regulations –

Title and commencement.

**1.** (1) The title of these regulations is the Merchant Shipping Act (Amendment of First Schedule) Regulations, 2012, and they shall be read and construed as one with the First Schedule to the Merchant Shipping Act, hereinafter referred to as "the First Schedule".

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 1st June, 2011.

Substitutes table in paragraph C of the First Schedule.

**2.** For the table in paragraph C of the First Schedule, there shall be substituted the following table:

"

<table>
<tr><th colspan="2">Age of Ship</th><th rowspan="3">Reduction on<br>Fee on Registration<br>%</th><th rowspan="3" colspan="2">Reduction or Increase on Annual Tonnage Tax<br>%</th></tr>
<tr><th>Equal to or Exceeding</th><th>Less than</th></tr>
<tr><th colspan="2">Years</th></tr>
<tr><td>0</td><td>5</td><td>50</td><td colspan="2">– 30</td></tr>
<tr><td>5</td><td>10</td><td>25</td><td colspan="2">– 15</td></tr>
<tr><td>10</td><td>15</td><td>–</td><td colspan="2">–</td></tr>
<tr><td>15</td><td>20</td><td>–</td><td colspan="2">+ 5</td></tr>
<tr><td>20</td><td>25</td><td>–</td><td>+ 10</td><td rowspan="3">Subject to minimum increase of €1,500</td></tr>
<tr><td>25</td><td>30</td><td>–</td><td>+ 25</td></tr>
<tr><td colspan="2">Equal to or exceeding 30</td><td>–</td><td>+ 50</td></tr>
</table>

".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*

Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09